**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 13/2015 JVC**
**Wara sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri**
**datata 24 ta' Frar, 2023**

**Victor Aquilina**

**vs.**

**Noel Debono**

**Illum 16 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Inferjuri datata 24 ta' Frar, 2023 fejn gie deciz kif isegwi:

*'Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħdha taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni mqajma mill-konvenut u tiċħad ukoll it-talbiet atturi.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu ta' l-attur.'*

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li l-attur appellant talab kif isegwi:

'li l-konvenut Noel Debono jghid il-ghaliex m'għandux ikun ikkundannat: jħallas is-somma komplessiva ta' ħdax-il elf, erba mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€11,474) rappreżentanti s-somma ta' disat' elef, mija u erbgħa u sebgħin Ewro (€9,174) minnek dovuta lir-rikorrenti bħala commissions fuq bejgħ ta' diversi oġġetti ta' hardware lil terzi persuni, senjatament is-somma ta' erbgħa mija u ħamsin Ewro (€450) dovuta bħala commission fuq bejgħ magħmul lil Insight Furniture Fittings, is-somma ta' elf u mitejn Ewro (€1,200) dovuta bħala commission fuq bejgħ magħmul lil JDS Furniture Ltd; is-somma totali ta' sebat elef, ħames mija u erbgħa u għoxrin Ewro (€7,524) rappreżentati bejgħ magħmul lil diversi terzi persuni u s-somma ta' elfejn u tlett mitt Ewro (€2,300) rappreżentanti bilanc rimanenti minn ammont akbar mogħddi lilek mir-rikorrenti għall-akkwist ta' diversi cappetti, liema cappetti kellhom jingħataw lir-rikorrenti, iżda li inti għadek ma għaddejtx sal-ġurnata tal preżenti;

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittri ufficċjali tas-7 ta' Dicembru 2015 (Ittra Nru. 87/2015) u dik ppreżentata kontestwalment mal-preżenti, kif ukoll tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat fis-7 ta' Dicembru 2015 (Nru. 185/2015) u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-intimat li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.'

3. Il-konvenut appellat ikkontesta l-pretensjonijiet tal-attur bhala li ma hu dovut xejn lill-attur u aktar tard eccepixxa wkoll il-preskrizzjoni fit-termini tal-Artikolu 2148 (d) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Rat illi l-attur appella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti bl-aggravju jkun nuqqas ta' qbil tieghu mal-apprezzament tal-fatti tal-ewwel Qorti. In succint l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ddecidiet hazin meta

qieset aktar bhala veritiera l-versjoni moghtija mill-konvenut u x-xhieda tieghu u mhux il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-istess attur. Jinsisti wkoll li kien ghalxejn li l-ewwel Qorti ghamlet riassunt twil tax-xhieda mressqa mill-attur meta finalment fid-decizjoni taghha ma tatx piz lill-istess xhieda. Ulterjorment jghid li l-ewwel Qorti ghamlet hazin li tat piz u emmnet ix-xhieda ta' Victor Ellul u qieset li dan ma kellux interess stante li hu jigi missier il-mara tal-konvenut. Jinsisti li hija l-versjoni tal-fatti kif moghtija minnu li hija l-wahda korretta filwaqt li l-versjoni moghtija mill-konvent hija wahda inkredibbli u in attendibbli. Ghalhekk ghar-ragunijiet kif ahjar esposti fir-rikors tal-appell l-appellant jitlob li din il-Qorti tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn cahdet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqajma mill-konvenut filwaqt li tirrevoka u tikkancella dik il-parti fejn cahdet ukoll it-talbiet tal-attur fil-mertu u minflok tghaddi biex tilqa' t-talba tal-attur.

5. L-appellat wiegeb li s-sentenza appellata hija gusta u li l-apprezzament tal-provi tal-ewwel Qorti ma ghandux jigi disturbat b'dana li allura l-appell ghandu jigi michud. Jinsisti li mhux minnu li l-Qorti njorat xi xhieda jew ibbazat id-decizjoni taghha biss fuq dak li xehed xhud wiehed izda mid-decizjoni johrog car li l-Qorti wieznet diversi xhieda u fatti qabel ma waslet ghall-konkluzjonijiet taghha. Jaghmel referenza specifika ghall-fatt li jsostni li hareg mill-provi fl-atti cioe' li l-attur qed jipretendi hlas ghal xoghol li huwa ghamel fis-sena 2015 meta mill-provi rrizulta li f'dik is-sena huwa kien dejjem registrat bhala bis-'sick leave', ghalhekk jinsisti li l-versjoni tal-attur m'ghandiex titwemmen. Ulterjorment isostni li l-grad tal-prova tac-certezza morali f'mohh il-gudikant kellu jwassal ghaliha l-attur bil-provi tieghu u mhux il-konvenut, izid li mera possibilta' mihiex bizzejjed sabiex tirrakida r-responsabbilta' civili. Finalment isostni li l-attur pretenda li huwa jinghata xi premju tal-klijenti li huwa gab lill-konvenut tul l-impjieg tieghu u li huwa ghalhekk li saret il-kawza

odjerna u mhux ghaliex verament hija dovuta xi 'commission' jew flus fuq cappetti. Ghalhekk ghar-ragunijiet kif ahjar esposti fir-risposta tal-appell il-konvenut jitlob li din il-Qorti tichad l-appell tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tas-6 ta' Ottubru, 2023 u konsegwentement l-appell gie differit ghad-decizjoni ghallum.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi din il-Qorti rat li l-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni finali taghha wara li ghamlet analizi tal-provi u l-konkluzjonijiet segwenti:

***A. Provi:***

***Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':***

***Victor Aquilina**, l-attur, xhed permezz ta' affidavit.*[1] *Iddikjara li huwa ltaqa' mal-konvenut xi disa' snin qabel meta waqt li kien impjegat bħala salesperson tkellem mal-konvenut dwar impjieg miegħu f'avvjament ġdid tal-konvenut.*

*Jiddikjara li ftehmu fuq paga nkluż benefiċċji u commission ta' 2% fuq il-bejgħ u l-ġbir tal-flus bil-bejgħ kellu jkun ta' hardware fosthom oġġetti li jintużaw fil-manufatturazzjoni tal-għamara.*

*Iżid li beda jaħdem mal-konvenut f'Jannar tal-2010. Jgħid li għal bidu kollox kien miexi sew bil-problemi bdew f'Jannar tal-2011 u dan kienu dwar il-commission tas-sena ta' qabel.*

[1] Fol 16 sa 18 b'dokumenti a fol 19 sa 48.

*Jiddikjara li minkejja li l-commission tal-2010 kella tkun imħallsa f'Jannar, 2011, il-konvenut ħallsu biss parti minnha fis-16 ta' Mejju, 2011 b'dan li nfurmah ukoll li kien ser iħallsu bil-1.5%.*

*Iżid li fl-2012 inqalet l-istess problema fejn fi Frar, 2012 il-konvenut tah biss parti mil-commission fil-valur ta' € 400 b'imbagħad tah € 400 oħra xi ħmistax wara. Iżid li fl-2011 huwa ġabar € 79,494.64 b'dan li l-commission kellha allura tkun ta' € 1,192.42*[2] *mentri l-konvenut tah biss € 800 b'dan li baqa' bilanċ.*[3] *Jannetti records tiegħu dwar dan.*

*Jiddikjara li fl-2012 huwa ġabar € 101,021.42 b'dan li kien dovut commission ta' € 1,515.32*[4] *li qatt ma' rċieva. Jannetti records tiegħu dwar dan.*

*Jiddikjara li fl-2013 huwa ġabar € 122,024.42 b'dan li kien dovut commission ta' € 1,830.37.*[5] *Jannetti records tiegħu dwar dan. Jgħid li ma' dan għandha tiżdied commission fil-valur ta' € 1,200 relattiva għal bejgħ magħmul lis-socjeta' JDS Furniture fuq xogħol magħmul fil-lukanda Seabank Hotel and Spa fil-valur ta' € 80,000. Jgħid li għalhekk it-total f'commission dovut għall-2013 huwa ta' € 3,030.37.*

*Ikompli jispjega li għas-sena 2014 huwa dovut commission ta' € 3,519.33 b'dan qatt ma' tħallas. Jannetti records tiegħu dwar dan. Għas-sena 2015 huwa dovut commission ta' € 1,708.81 b'dan li tħallas € 1,000 minnha.*

*Jiddikjara li għalhekk mis-sena 2011 sas-sena 2015 huwa dovut commission fil-valur totali ta' € 9,093.79.*[6]

*Iżid li lura f'Jannar, 2011 il-konvenut kien illimita' l-bejgħ għal railings biss peress li kien marbut b'targets minn soċjeta estera. Jgħid li huwa dehrlu li hekk ma' kienux ser ikunu kompetittivi. Iżid li għalhekk issuġġerixxa li huwa jinvesti € 5,000 sabiex ibiegħu wkoll ċpiepet tal-bibien diviżorji. Jgħid li qablu li jimporta ċ-ċpiepet il-konvenut a spejjeż tiegħu iżda jbigħhom l-attur bil-profitt kollu għalih.*

---

[2] Kalkolata bil-1.5% *commission*, mhux bit-2%.

[3] Jiddikjara bilanc ta' ta' €391.96 mentri fil-fatt dan jinhadem ghal €392.42.

[4] Ghal darb'ohra kalkolata bil-1.5% *commission*, mhux bit-2%.

[5] Ghal darb'ohra kalkolata bil-1.5% *commission*, mhux bit-2%.

[6] Fil-fatt, il-*commission* skond il-kalkoli tal-attur s'hawnhekk tammonta ghal €9,166.25.

*Jiddikjara li fit-28 ta' Frar, 2011 għamel bank draft ta' € 5,000 li l-konvenut sarraf fid-9 ta' Marzu, 2011. Jannetti record ta' dan.*

*Iżid li f'Awwissu, 2011 waslet konsenja ta' ċpiepet u huwa beda jbiegħhom. Jispjega li l-cost price taċ-ċpiepet kien ta' € 0.20 kull ċappetta ta' 0.2mm, €0.25 kull ċappetta ta' 0.25mm, u € 0.30 kull ċappetta ta' 0.3mm.*

*Jiddikjara li minn Awwissu, 2011 sa' April, 2016 – data li fiha ħalef l-affidavit – huwa kien biegħ 10,157-il ċappetta b'cost price ta' € 2,511.95 b'dan li huwa għandu jieħu € 2,300 wara li jinqatgħu VAT u spejjeż oħra.*

*Iżid li l-konvenut irrifjuat kemm li jħallsu kif ukoll li jagħtih iċ-ċpiepet. Jannetti records tiegħu dwar dan.*

*Jiddikjara li huwa kien regolarment jitlob il-ħlas tal-commissions dovuta lilu b'dan li l-konvenut kien jgħidlu li qiegħed jaħdimhom. Jgħid li kien isaqsi wkoll kemm ġew importati ċpiepet b'dan li l-konvenut kien jgħidlu li ser jgħaddilu l-karti.*

*Jiddikjara li temm l-impjieg mall-konvenut f'Ġunju, 2015 fejn talbu l-commission dovuta b'da li l-konvenut talbu jiffirma karta li prepara hu b'dikjarazzjoni li huwa dovut biss € 1,700. Iżid li huwa rrifjuta li jagħmel dan bil-konvenut qallu mela tieħu xejn għax m'hemm xejn bil-miktub bejnietna. Iżid li qallu wkoll li ċ-ċpiepet jista' jinsihom għax għadda ż-żmien.*

*Iżid li hawnhekk proċeda b'rapport għand il-pulizija.*[7] *Jannetti kopja tar-rapport. Iżid ukoll li proċeda ġudizzjarjament b'żewġ ittri uffiċjali, wadħa – 166A numru 87/2015 tas-7 ta' Diċembru, 2015 – dwar il-commission u oħra – 814/2015 tal-31 ta' Diċembru, 2015 – dwar iċ-ċpiepet.*

*Jikkonkludi li l-pagamenti li tah il-konvenut tagħhomlu cash sabiex ma' jkun jidher xejn b'dak li kien jagħtih biċċa scrap paper sabiex jirrimagħha bħala riċevuta li kien iżomm il-konvenut.*

[7] Rapport 10/Z/5014/2015 a fol 46 sa 48 – mahluf minn PS 715 Lucian Gatt fl-udjenza tas-16 ta' Marzu, 2018, traskrizzjoni tax-xhieda ta' PS 715 a fol 712 sa 713 u kopja ohra tar-rapport a fol 714 sa 716.

***Xehed ulterjorment***[8] *billi eżbixxa rendikont u sensiela ta' fatturi ta' klijenti tiegħu li ma' setgħux isibu d-dokumenti huma b'dan li huwa kellu xi kopji tal-istess u b'hekk setgħha jiġbed total ta' ordnijiet fil-valur ta' ċirka € 33,700.*

*Jispjega li dan kien kollu xogħol li huwa biegħ lill-klijenti tiegħu għan-nom ta' Mudelli.*

***In kontro-eżami*** *xehed*[9] *li mal-konvenut huwa kien jaħdem bħala salesman. Iżid li huwa kien sab il-klijenti b'dan li kien imur għandhom u jbiegħilhom prodotti tal-konvenut. Jgħid li ġieli anke għamel id-deliveries tal-ordinijiet huwa stess għax kien iżomm xi prodotti Malta filwaqt li dawn ġieli saru minn Għawdex bil-courier.*

*B'referenza għad-dokumenti miktuba bl-id eżebiti ma' l-affidavit tiegħu, jgħid li fil-bidu kien jindika isem għaliex Mudelli ma' kellhomx kotba tal-irċevuti allura rid prova mhux ta' x'daħħal biss iżda wkoll ta' min ħallsu. Iżid li aktar tard beda jniżżel biss kemm biegħ u konsegwentement kemm huwa dovut commission għaliex il-prova tal-ħlas bdiet toħroġ mill-irċevuti.*

*Mistoqsi dwar il-ftehim tal-commission bit-2%, jgħid li dan kien ftehim verbali mal-konvenut li beda bit-3%, niżel għal-2% u fl-aħħar waqa' għal-1.5%. Mistoqsi kif ma' oġġezzjonax għal dan it-tnaqqis jgħid li oġġezzjona u lill-konvenut semmielu l-ftehim ta' bejniethom iżda l-konvenut qallu li ma' jistax jagħmel mod ieħor għax mhux jagħmel profitt.*

*Jgħid li huwa u l-konvenut ma' kitbu xejn, anqas meta huwa ħareġ l-€ 5,000 għaċ-ċpiepet. Iżid li l-konvenut eventwalment qallu mhux ser intihomlok għax ġew preskritti. Jgħid li huwa jħossu ngannat. Iżid li l-konvenut offrilu € 1,700 u huwa qallu li jafu aktar minn hekk b'dan li l-konvenut qallu jew tieħu dawn jew ma' tieħu xejn.*

*Jikkonferma li qal fl-affidavit rigward ħlasijiet li saru versu l-commission u kif dawn saru. Jikkonferma li l-kumplament tal-commission ma waslet qatt.*

[8] Fol 596 sa 597 b'dokumenti ossia rendikont a fol 598 sa 599 u fatturi – f'xi istanzi ricevuti – relattivi a fol 600 sa 705.
[9] Fol 769 sa 792.

*Iżid li huwa kien ifakkar lill-konvenut b'dan kien jgħidlu li l-commission lesta iżda din qatt ma' tasal.*

*Jikkonferma dak li qal fl-affidavit li l-konvenut kien jitolbu jiffirma biċċa karta kull meta jtih ħlas parzjali.*

*Jgħid li minkejja dan huwa baqa' jaħdem għall-konvenut għaliex ried jgħejjex lill-familtu. Iżid li bis-sewwa jew dnewwa l-paga kienet tasal.*

*Mistoqsi jekk hemmx differenza bejn l-ammont mitlub minnu bil-kawża u dak li jirriżulta mid-dokumenti eżebiti mix-xhieda li ressaq huwa, jgħid li huwa fin-notamenti miktuba bl-id li annetta mal-affidavit tiegħu għandu l-ammonti kollha li ġabar għall-konvenut sa l-inqas ċenteżmu. Iżid li jekk hemm diskrepanza din tista' anke tkun riżultat tal-ittra li ntbagħtet mill-konvenut datata s-16 ta' Lulju, 2016. Iżid li d-dokumenti eżebiti mix-xhieda juru l-logo u d-dettalji tas-soċjeta' tal-konvenut u ma' jistgħux allura ma' jkunux veritieri.*

*Jiċċara li l-commission hija dovuta u kalkolabbli biss fuq is-sales u mhux ukoll fuq il-flus li jiġbor.*

*Iżid li huwa ħadem u jistenna li jitħallas ta' xogħolu mhux jgħaddi ż-żmien, b'kull sena jiġi mitqal lilu mill-konvenut li l-commission ħadiemilhu iżda ma' jitħallas qatt.*

*Jispjega li huwa ġie li kellu eluf ta' euro f'daru, miżmuma għall-konvenut, b'dan li hu u martu qass kien joħorġu mid-dar l-istess waqt li ma' jmorrx jinsterqu. Iżid li dawn kien jgħaddihom lill-konvenut meta jinżel Malta b'dan li straħ meta l-konvenut fetaħ ħanut Malta għax kellu fejn jiddepożithom.*

*Rigward l-€ 30,000 bejgħ li sar lil Insight Furniture imsemmija fil-paragrafu ta' qabel ta' l-aħħar, fl-ewwel paġna tal-affidavit tiegħu, jgħid li għalkemm hawnhekk il-klijent kien tkellem direttament mal-konvenut, huwa xorta dovut commission fuq dak il-valur għaliex kien huwa l-intermedjarju li sab lil dan il-klijent. Iżid li jekk illum xi klijenti li sab huwa għadhom jixtru mingħand il-konvenut dawk ibierikhomlu u m'għandux pretiżi fuqhom.*

*Jinsisti li huwa mall-konvenut kien impjegat.*

***John Sammut**, xehed*[10] *li huwa mastrudaxxa u jaf lill-attur għax kien imur il-fabbrika tiegħu – JDS Manufacturing – ibiegħlu prodotti relatati ma' xogħolu nkluż ċpiepet u fittings. Jgħid li l-attur ilu jafu xi ħames snin u regolarment xtara mingħandu b'dan li meta ġew għal kuntratt kbir laqqgħu ma' l-imgħallem – il-konvenut. Jispjega li l-kuntratt kbir kien tas-Seabank Hotel and Spa. Iżid li l-ordni hawn kienet ta' xi € 80,000.*

*Jispjega li għalkemm l-ordnijiet kienu jsiru mal-attur, huma dejjem ħallsu lill-konvenut.*

***In kontinwazzjoni,***[11] *ippreżenta diversi dokumenti li juri xiri li huwa għamel mingħand Mudelli – Smart Furniture Solutions – is-soċjeta' tal-konvenut. Id-dokumenti juru xiri tax-xhud għal perjodu bejn it-28 ta' Novembru, 2011 sas-26 ta' Settembru, 2014.*

***Brian Bonavia** xehed permezz ta' affidavit.*[12] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 5,700 prodotti. Jannetti diversi fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għal perjodu bejn is-17 ta' Ġunju, 2014 u l-24 ta' Novembru, 2015. **Joanne Camilleri** xehdet permezz ta' affidavit.*[13] *Tiddikjara li hija taf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħilha prodotti tal-konvenut. Iżżid li hija kienet tordna u tħallas lill-attur għalkemm taf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżżid li tikkalkola li xtrat b'€ 10,800 prodotti. Tannetti rendikont ta' ordnijiet li għamlet għand Mudelli – Smart Furniture Solutions għal perjodu bejn is-6 ta' April, 2010 u l-21 ta' Ottubru, 2015.*

*Iżżid li mingħand l-attur ġieli xtart ukoll ċpiepet tal-bibien b'dan li taf li dawn kienu ta' l-attur mhux tal-konvenut.*

---

[10] Fol 49 sa 55.
[11] Fol 65 sa 66 b'dokumenti a fol 67 sa 100.
[12] Affidavit a fol 125 b'dokumenti a fol 126 sa 174.
[13] Affidavit a fol 175 b'dokumenti a fol 176 sa 177.

***Vincent John Gouder*** *xehed permezz ta' affidavit.*[14] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 1,900 prodotti. Jannetti rendikont u diversi fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn it-23 ta' Marzu, 2015 u t-13 ta' Diċembru, 2015.*

***Victor Xerri*** *xehed*[15] *li huwa mastrudaxxa b'soċjeta' tiegħu jisimha St. Anthony Woodworks. Jgħid li mingħand Mudelli huwa ġieli xtara fittings u ċpiepet.*

*Jippreżenti rendikont ta' xiri li għamel mingħand Mudelli – Smart Furniture Solutions bil-fatturi relattivi għal perijodu bejn is-26 ta' Marzu, 2014 u l-15 ta' Novembru, 2015.*[16]

*Iżid li rigward prodotti tal-konvenut ħaddiema tiegħu kienu jordnaw mingħand l-attur.*

*Jgħid li jikkalkula li xtara b'€ 10,700 prodotti mingħand il-konvenut.*

***In kontro-eżami***[17] *jgħid li l-ħaddiema tiegħu kienu jċemplu lill-attur jew lil Mudelli u li ma' jistax jiddistingwi kemm mill-valur li ddikjara nxtara direttament tramite l-attur.*

***Carmel Mintoff*** *xehed*[18] *li huwa għandu ħanut jismu Insight Furniture Fittings min fejn ibiegħ fittings tal-għamara. Jgħid li mingħand Mudelli huwa jixtri fittings tal-għamara. Jgħid li fiż-żmien kien imur l-attur u huwa kien jordna mingħandu.*

---

[14] Affidavit a fol 178 b'dokumenti a fol 179 sa 205.
[15] Fol 206 sa 209.
[16] Rendikont a fol 211, fatturi a fol 212 sa 259.
[17] Fol 209 sa 210.
[18] Fol 260 sa 263.

*Jippreżenta kopja ta' dokumenti ta' ordnijiet li għamel mingħand Mudelli kemm ilu jmur għandu l-attur ossia għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar, 2010 u l-31 ta' Awwissu, 2015.*[19]

*Jgħid li f'dan iż-żmien huwa xtara b'€ 107,900 prodotti mingħand Mudelli.*

***In kontro-eżami***[20] *jgħid li kemm ilu li l-attur spiċċa milli jaħdem ma' Mudelli huwa ma' baqalux kuntatt miegħu.*

*Jikkonferma li d-dokumenti li ppreżenta kollha juru ordnijiet li huwa għamel għand Mudelli tramite l-attur b'dan iżda li setgħa ġie li kellu kuntatt mal-konvenut.*

***Xehed ulterjorment permezz ta' affidavit***[21] *fejn qal li wara riċerka ulterjuri sab fatturi addizzjonali ta' xogħol li huwa xtara mingħand Mudelli tramite l-attur għal valur ta' € 1,330. Jippreżenta rendikont ta' dawn il-fatturi addizzjonali li jkopru l-perijodu ta' bejn il-25 ta' Ġunju, 2014 u it-3 ta' Mejju, 2015.*

*Iżid jgħid li huwa qatt ma' semgħa lill-attur imaqdar il-prodott tal-konvenut u dan la meta l-attur kien impjegat mall-konvenut u anqas wara.*

***Carmelo Borg*** *xehed permezz ta' affidavit.*[22] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 14,700 prodotti. Jannetti diversi fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn it-12 ta Settembru, 2011 u l-4 ta' Awwissu, 2014.*

***Joe Debono*** *xehed permezz ta' affidavit.*[23] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna*

---

[19] F'*archlever file* separat immarkat 'Dok. CM1' u mpaginat CM1 sa CM545 – ref nota tad-Deputat Registratur a fol 266.
[20] Fol 263 sa 265.
[21] Affidavit a fol 594 b'dokument ossia rendikont a fol 595.
[22] Affidavit a fol 276 b'dokumenti a fol 277 sa 298.
[23] Affidavit a fol 299 b'dokumenti a fol 300 sa 310 b'zewg fatturi addizzjonali bejn fol 310 u 311.

*u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 1,460 prodotti. Jannetti diversi fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn l-14 ta' Jannar, 2013 u t-12 ta' Frar, 2015.*

***Geoffrey Mallia*** *xehed permezz ta' affidavit.*[24] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 3,870 prodotti. Jannetti diversi fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn is-27 ta' Awwissu 2012 u l-4 ta' Diċembru, 2014.*

***Joe Ellul*** *xehed permezz ta' affidavit.*[25] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 1,470 prodotti. Jannetti diversi fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn it-23 ta' Ġunju, 2010 u t-23 ta' Settembru, 2015.*

***John Farrugia*** *xehed permezz ta' affidavit.*[26] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 7,850 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn il-21 ta' Diċembru, 2011 u t-18 ta' Novembru, 2015.*

***Stephen Azzopardi*** *xehed permezz ta' affidavit.*[27] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li xtara b'€ 4,600 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn l-1 ta' Awwissu, 2014 u l-1 ta' Awwissu, 2015.*

---

[24] Affidavit a fol 311 b'dokumenti a fol 312 sa 348.
[25] Affidavit a fol 349 b'dokumenti a fol 350 sa 377.
[26] Affidavit a fol 378 b'dokument ossia rendikont a fol 379.
[27] Affidavit a fol 380 b'dokument ossia rendikont a fol 381.

***Joseph Aquilina*** *xehed permezz ta' affidavit.*[28] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,550 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-30 ta' Awwissu, 2011 u l-5 ta' Lulju, 2016.*

***Roderick Garcia*** *xehed permezz ta' affidavit.*[29] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 3,100 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn il-15 ta' Mejju, 2014 u t-22 ta' Diċembru, 2015.*

***Godfrey Cini*** *xehed permezz ta' affidavit.*[30] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 21,640 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn l-24 ta' Settembru, 2010 u t-3 ta' Awwissu, 2017.*

***Laurence Galea*** *xehed permezz ta' affidavit.*[31] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 44,291 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-2 ta' Ġunju, 2010 u t-3 ta' Ġunju, 2015.*

***Bartholomew Fenech*** *xehed permezz ta' affidavit.*[32] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur ghax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 1,690 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn il-11 ta' Diċembru, 2014 u d-19 ta' Awwissu, 2015.*

---

[28] Affidavit a fol 382 b'dokument ossia rendikont a fol 384 – a fol 383 huwa rendikont mhux aggornat.
[29] Affidavit a fol 385 b'dokument ossia rendikont a fol 386 sa 387.
[30] Affidavit a fol 388 b'dokument ossia rendikont a fol 389 sa 391.
[31] Affidavit a fol 392 b'dokument ossia rendikont a fol 393.
[32] Affidavit a fol 394 b'dokument ossia rendikont a fol 395.

***Godwin Fenech*** *xehed permezz ta' affidavit.*[33] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 4,570 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-18 ta' Settembru, 2013 u l-11 ta' Ġunju, 2014.*

***John Muscat*** *xehed permezz ta' affidavit.*[34] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 1,560 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn id-19 ta' Lulju, 2012 u t-23 ta' April, 2015.*

***Mario Xuereb*** *xehed permezz ta' affidavit.*[35] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 6,980 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn id-9 ta' Ġunju, 2010 u l-24 ta' Jannar, 2012.*

***Paul Borg*** *xehed permezz ta' affidavit.*[36] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 8,650 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn l-4 ta' Marzu, 2013 u l-4 ta' Novembru, 2014.*

***Anthony Sammut*** *xehed permezz ta' affidavit.*[37] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 3,800 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-3 ta' Settembru, 2012 u id-29 ta' April, 2015.*

[33] Affidavit a fol 396 b'dokument ossia rendikont a fol 397.
[34] Affidavit a fol 398 b'dokument ossia rendikont a fol 399.
[35] Affidavit a fol 400 b'dokument ossia rendikont a fol 401.
[36] Affidavit a fol 402 b'dokument ossia rendikont a fol 403.
[37] Affidavit a fol 404 b'dokument ossia rendikont a fol 405.

***Raymond Falzon*** *xehed permezz ta' affidavit.*[38] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 4,620 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn l-4 ta' Diċembru, 2013 u d-9 ta' Diċembru, 2015.*

***Eric Vella*** *xehed permezz ta' affidavit.*[39] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,330 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-12 ta' Mejju, 2012 u t-3 ta' Diċembru, 2015.*

***Alexander Micallef*** *xehed permezz ta' affidavit.*[40] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,200 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn id-9 ta' Frar, 2012 u l-10 ta' Ottubru, 2015.*

***Joseph Attard*** *xehed permezz ta' affidavit.*[41] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 7,650 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-13 ta' Marzu, 2012 u l-11 ta' Ġunju, 2016.*

***Raphael Falzon*** *xehed permezz ta' affidavit.*[42] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 91,200 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-12 ta' Diċembru, 2011 u l-31 ta' Diċembru, 2015.*

---

[38] Affidavit a fol 406 b'dokument ossia rendikont a fol 407.
[39] Affidavit a fol 408 b'dokument ossia rendikont a fol 409.
[40] Affidavit a fol 410 b'dokument ossia rendikont a fol 411.
[41] Affidavit a fol 412 b'dokument ossia rendikont a fol 413.
[42] Affidavit a fol 414 b'dokument ossia rendikont a fol 415 sa 420.

***Jos Mallia*** *xehed permezz ta' affidavit.*[43] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,940 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-8 ta' Marzu, 2010 u s-16 ta' Settembru, 2015.*

***Daniel Vella*** *xehed permezz ta' affidavit.*[44] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 5,270 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-23 ta' April, 2010 u t-22 ta' Ottubru, 2012 b'fatturi relattivi.*

*Iżid li mingħand l-attur ġieli xtara wkoll ċpiepet tal-bibien b'dan li jaf li dawn kienu ta' l-attur mhux tal-konvenut.*

***Carmel Bugeja*** *xehed permezz ta' affidavit.*[45] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,800 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-18 ta' Lulju, 2011 u t-22 ta' Ottubru, 2015.*

***Charmaine Chircop*** *xehdet*[46] *li hija tirrapreżenta lil Construct Furniture u taħdem fid-dipartiment tal-purchasing. Tippreżenta sensiela ta' fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu mill-15 ta' April, 2014 sas-16 ta' Novembru, 2015. Tispjega li huma bdew jaħdmu ma' Mudelli mill-2014.*

[43] Affidavit a fol 421 b'dokument ossia rendikont a fol 422.
[44] Affidavit a fol 423 b'dokumenti ossia rendikont a fol 424 u fatturi a fol 425 sa 426.
[45] Affidavit a fol 427 b'dokumenti ossia rendikont a fol 428.
[46] Fol 437 sa 439 b'dokumenti a fol 440 sa 494.

***Jason Ciantar*** *xehed*[47] *li huwa mastrudaxxa. Jippreżenta sensiela ta' ċekkijiet maħruġa lill-konvenut fil-perijodu bejn Lulju, 2010 u t-8 ta' Mejju, 2017. Jispjega li dawn iċ-ċekkijiet huma ħlasijiet ta' prodotti mixtrija mingħand il-konvenut tramite l-attur. Jgħid li huwa l-ħlas dejjem għaddieh lill-attur. Jispjega li l-attur kien imur għandu, jara x'għandu bżonn, u ssir l-ordni.*

***In kontro-eżami***[48] *jiċċara li huwa lill-attur jafu jinnegozja għan-nom tal-konvenut.*

***Christopher Montefort*** *xehed permezz ta' affidavit.*[49] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 3,090 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn il-5 ta' Diċembru, 2013 u t-22 ta' Diċembru, 2015.*

***Joe Abdilla*** *xehed permezz ta' affidavit.*[50] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,130 prodotti. Jannetti sensiela ta' riċevuti u fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn l-14 ta' Ġunju, 2013 u it-22 ta' Settembru, 2015.*

***Jesmond Mizzi*** *xehed permezz ta' affidavit.*[51] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 1,680 prodotti. Jannetti rendikont b'sensiela ta' riċevuti u fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għall-perijodu bejn l-10 ta' Novembru, 2011 u l-11 ta' Ġunju, 2015.*

[47] Fol 495 sa 497 b'dokumenti ossia kopji ta' cekkijiet a fol 498 sa 537.
[48] Fol 497.
[49] Affidavit a fol 538 b'dokument ossia rendikont a fol 539 u ghal darb'ohra – l-istess rendikont – a fol 540.
[50] Affidavit a fol 542 b'dokument a fol 543 sa 554.
[51] Affidavit a fol 555 b'dokument ossia rendikont a fol 556 u dokumenti addizzjonali a fol 557 sa 574.

***John Bartolo*** *xehed permezz ta' affidavit.*[52] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 6,120 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn l-14 ta' Jannar, 2012 u t-12 ta' Novembru, 2015.*

***Maurizio Gauci*** *xehed permezz ta' affidavit.*[53] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,840 prodotti. Jannetti sensiela ta' riċevuti u fatturi maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions għal perijodu bejn is-26 ta' Jannar, 2013 u t-13 ta' Ottubru, 2015.*

***Donald Caruana*** *xehed permezz ta' affidavit.*[54] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,960 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn it-2 ta' Ottubru, 2010 u l-25 ta' Settembru, 2015.*

***John Grima*** *xehed permezz ta' affidavit.*[55] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 2,850 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn il-21 ta' Ġunju, 2012 u it-13 ta' Marzu, 2015.*

*Iżid li mingħand l-attur ġieli xtara wkoll ċpiepet tal-bibien b'dan li jaf li dawn kienu ta' l-attur mhux tal-konvenut.*

---

[52] Affidavit a fol 575 b'dokument ossia rendikont a fol 576.
[53] Affidavit a fol 577 b'dokument a fol 578 sa 584.
[54] Affidavit a fol 585 b'dokument ossia rendikont a fol 586.
[55] Affidavit a fol 587 b'dokument ossia rendikont a fol 588 sa 543.

***Ruth Grech**, in rappreżentanza tal-bank APS Bank p.l.c. xehdet*[56] *li ċ-ċekk li ntalbet tixhed fuqu kien għal € 5,000 u ġie depożitat fit-8 ta' Marzu f'kont kurrenti ntestat lil Noel u Shirley Debono eżerċjenti l-kummerċ bħala Mudelli – Smart Furniture Solutions.*

***Alvin Scicluna**, in rappreżentanza tal-bank Bank of Valletta p.l.c. xehed*[57] *li ċ-ċekk li ntalab jixhed dwaru nħareġ mill-Bank of Valletta p.l.c. u ġie pproċessat mill-APS Bank p.l.c. Jgħid li ċ-ċekk ddebita l-kont ta' l-attur. Jiċċara li dan kien bankdraft. Jippreżenta kopja tal-bankdraft.*

***Mark Borg** xehed permezz ta' affidavit.*[58] *Iddikjara li huwa jaf lill-attur għax kien ta' sikwit imur ibiegħlu prodotti tal-konvenut. Iżid li huwa kien jordna u jħallas lill-attur għalkemm jaf li l-prodott kien tal-konvenut. Iżid li jikkalkola li huwa kien xtara b'€ 14,500 prodotti. Jannetti rendikont għall-perijodu bejn l-10 ta' Mejju, 2013 u l-15 ta' Diċembru, 2016.*

*Iżid li mingħand l-attur ġieli xtara wkoll ċpiepet tal-bibien b'dan li jaf li dawn kienu ta' l-attur mhux tal-konvenut.*

***Peter Paul sive Pierre Buttigieg** xehed*[59] *li huwa mastrudaxxa u lill-attur jafu għax kien ibiegħlu xi prodotti nkluż ċpiepet. Iżid li jaf li l-attur kien jaħdem mall-konvenut. Jgħid li huwa riċevuti tal-konvenut għandu u allura jikkonkludi li l-attur kien ibiegħ xogħol tal-konvenut. Jippreżenta għad ta' riċevuti ta' l-2012 u għad ta' fatturi għal perijodu mis-17 ta' Settembru, 2013 sal-21 ta' Ottubru, 2015, ilkoll maħruġa minn Mudelli – Smart Furniture Solutions.*

---

[56] Fol 717 sa 719 b'dokument ossia *statement of account* tal-kont bankarju ntestat lill Noel u Shirley Debono ezercjenti l-kummerc bhala *Mudelli – Smart Furniture Solutions* a fol 720 li juri d-dettalji li tat fix-xhieda taghha.
[57] Fol 721 sa 723 b'dokument ossia kopja tal-*bankdraft* a fol 724.
[58] Affidavit a fol 736 b'dokument ossia rendikont a fol 737 sa 738.
[59] Fol 739 sa 742 b'dokumenti ossia ricevuti originali a fol 743 sa 745 u fatturi a fol 746 sa 765.

***Dr. Shaun Apap Meli***, *in rappreżentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, xehed*[60] *li l-attur applika għas-sick leave bejn is-snin 2011 u 2015. Jippreżenta dokument li juri ċ-ċertifikati kollha ppreżentati mill-attur.*[61]

*Mistoqsi kif ħa tant sick leave waqt li kien jaħdem jgħid li wieħed li jkun fuq sick leave ma' jistax imur għax-xogħol.*

*Iżid li huma ma' jistgħux jgħidu kif kien reġistrat bħala employment status l-attur għaliex dik hija nformazzjoni li tinżamm mill-JobsPlus. Jgħid li huma qiegħdin biss sabiex jawtorizzaw ħlas ta' benefiċċju kontra ċertifikat ta' mard.*

***In kontro-eżami***[62] *jispjega d-dokument eżebit minnu. Iżid li r-raġuni tal-mard tirriżulta miċ-ċertifikat ta' mard inniffsu mhux minn dan id-dokument. Jobbliga ruħu li jerġa jattendi b'kopja taċ-ċertifikati nfishom.*

***Noel Debono***, *il-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.*[63] *Jiddikjara li rigward iċ-ċpiepet huwa u l-attur ftehmu li kull wiehed minnhom joħroġ € 5,000 u jġibu ammont ta' ċpiepet għal dak il-valur. Iżid li huwa kellu jbiegħ sehmu Għawdex u l-attur kellu jbiegħ sehmu Malta, b'dan li kull wieħed minnhom iżomm il-profitt tiegħu. Jgħid li ċ-ċpiepet waslu, huwa ħa nofshom Għawdex u l-attur żamm nofshom Malta f'maħżen tiegħu. Iżid li minn dakinhar qatt ma' reġgħa sema' biċ-ċpiepet għajr għal meta l-attur beda l-proċeduri legali. Iżid li l-flus li qed jitlob l-attur għal dawn iċ-ċpiepet assolutament mhumiex dovuti.*

*Rigward commissions mitluba mill-attur mill-2011 il quddiem jgħid li anqas dawn m'huma dovuti. Iżid li għalkemm dawn intalbu mill-attur huwa qatt ma' aċċetta li kienu dovuti b'dan li lill-attur kien iħallsu b'rata fis-siegħa u ma' kien hemm ebda ftehim rigward commissions.*

*Iżid li meta l-attur infurmah li ser iħalli l-impjieg dan – l-attur – pretenda rigal tal-klijenti li kien ġablu. Iżid li huwa ma' aċċettax għaliex kien xogħol l-attur li jsib il-klijenti u jbiegħilhom prodotti tiegħu.*

---

[60] Fol 801 sa 803.
[61] Dokument a fol 808 sa 840.
[62] Fol 804 sa 807.
[63] Affidavit a fol 853.

*Jgħid li l-attur beda jmur il-maħżen tiegħu – tal-konvenut – f'Malta fejn kien isib lill-missier martu – il-kunjatu tal-konvenut – u jitolbu l-flus. Jgħid li l-kunjatu nfurmah li l-attur talbu € 2,000 bħala rigal b'dan li eventwalment awmenta t-talba għal € 7,500. Iżid li huwa qatt ma' aċċetta li jagħmel dan il-ħlas.*

***In kontro-eżami*** *xehed*[64] *li l-attur kien jaħdem miegħu b'dan li qabel l-attur beda jaħdem miegħu huwa kien jafu bħala salesperson ma' terzi. Iżid li ma' l-attur għamel kuntratt ta' impjieg bħalma jagħmel ma' kull impjegat ieħor. Jgħid li kopja tal-kuntratt m'għandux. Jgħid li bil-kuntratt huwa ftihem ma' l-attur li dan kellu jitħallas paga fissa.*

*Jgħid li qabel impjega lill-attur huwa Malta ftit kellu xogħol mentri issa għandu preżenza kbira tant li fetaħ ħanut Malta. Iżid li dan ma' jfissirx li ġara kawża ta' l-attur.*

*Iżid li Malta ma' kellu ebda salesperson ieħor qabel l-attur.*

*Jgħid li huwa ma' l-attur kellu biss ftehim rigward paga, xejn aktar, anqas commissions. Jerġa jgħid li l-ftehim kien ta' paga fissa ta' xi elf euro fix-xahar b'dak kien l-unika ammont pagabbli.*

*Jispjega li lill-attur kien iħallsu wkoll tal-fuel u wear and tear tal-karozza tiegħu – ta' l-attur stess – li kien juża sabiex idur lill-klijenti. Mistoqsi allura jiċċara li lill-attur mhux paga biss kien jagħtih jgħid li l-valuri l-oħrajn huma spejjeż. Jispjega li l-ispejjeż kien iħallsu tagħhom jew meta jarah jew bl-attur inaqqashom hu stess minn pagamenti li jkun ġabar għalih – għall-konvenut.*

*Jgħid li lill-attur ġieli anke tah pagament fuq ir-riħ għax ikun għamel xi sale tajjeb. Isemmi li ġieli tah € 50 u ġieli anke € 100. Jgħid li din kienet tkun bi buona volonta' tiegħu mhux għax kien obbligat jagħmel hekk.*

*Mistoqsi jispjega l-valuri ta' € 400 li jissemmew darbtjen fl-affidavit tal-attur u ta' € 1,000 li tissemma darba x'inhuma, jgħid li dawk jistgħu ikunu parti spejjeż b'dan li l-pagi anqas kien jagħmilhom huwa.*

[64] Fol 879 sa 906.

*Jiċħad kategorikament li huwa kellu ftehim li lill-attur iħallsu paga, spejjeż u 2% commission. Jgħid li apparti paga, fuel u wear and tear jekk tah xi ħaġa oħra kien bi buona volonta'.*

*Iżid li għalkemm mhuwiex ċar fuq kollox fejn tidħol paga, ċar fuq il-fatt li commission ma' kienitx dovuta għaliex din qatt ma' tħallset u qatt ma' kien hemm tgergir fir-rigward. Iżid ukoll li fil-fatt anqas għandu mpjegati jitħallsu commission, u dan la Malta u lanqas Għawdex.*

*Mistoqsi kemm dam impjegat miegħu l-attur jgħid li dam xi 5 snin iżda ma' jiftakarx eżatt.*

*Iżid li meta l-attur talab li jittermina l-impjieg huwa ħajru jibqa għaliex kien hemm xi bejgħ li kien għadu ma' ġabarx il-ħlas għalih u faċli tbiegħ iżda mhux titħallas. Jgħid li huwa mal-klijenti li kien ibegħilhom l-attur kellu kuntatt.*

*Jgħid li meta l-attur ġie biex jitlaq mill-impjieg kien induna x'inhu ġej għaliex l-attur kien diġa tkellem mall-kunjatu tiegħu. Iżid li għalhekk kien offrielu xi ħlas bi buona volonta', sabiex jevita problemi. Iżid li l-attur ma' aċċettax il-ħlas ulterjuri li offrielu b'dan beda jitlob aktar. Jgħid li ma' jiftakarx x'kien il-ħlas li offrielu iżda għandu amment li kienet xi € 1,500. Iżid li jaf li din ma' tħallsitx lill-attur għax ma' aċċettahiex.*

*Jgħid li l-attur kien mar il-ħanut jgħeddu li jekk li qed jippretendi ma' jeħodhomx mingħandu jeħodhom minn fuq bintu. Mistoqsi - aktar tard – jekk għamilx rapport mal-pulizija fuq hekk jgħid li mhux lilu qalu dan il-kliem iżda lill-kunjatu tiegħu.*

*Rigward l-ittra li bgħat lill-klijenti tiegħu fis-16 ta' Lulju, 2016 jgħid li din bagħta għaliex fil-fehma tiegħu persuna m'għadix taħdem miegħu m'għandiex dritt tkun taf affarih. Iżid li wara dan, ċerti klijenti talbu l-fatturi lilu stess u huwa tagħhomlhom.*

*Rigward iċ-ċpiepet jikkonferma l-verżjoni li ta fl-affidavit. Jiċħad li huwa kien talab lill-attur jisilfu € 5,000.*

*Jobbliga ruħu li jipprova jsib il-kuntratt ta' impjieg ta' l-attur kif ukoll il-fatturi taċ-ċpiepet.*

*Mistoqsi jelabora fuq dak li qal fl-affidavit tiegħu dwar il-karattur tal-attur – li kien problematiku – jgħid li huwa baqa' on good terms ma diversi eks impjegati tiegħu iżda ċertament mhux ma' l-attur.*

*Jispjega li l-klijenti li kien jara l-attur kienu jħallsu lill-attur b'dan imbagħad jgħaddi l-ħlas lilu.*

***In kontinwazzjoni tal-kontro-eżami***[65] *jgħid li l-kuntratt ta' impjieg tal-attur ma' nstabx u jista' jagħti l-każ li ġie distrutt b'xi ilma li daħal fil-proprjeta' fejn kien jinsab. Jinsisti li kuntratt miktub kien hemm.*

*Jgħid li l-attur kien ġeneralment jieħu l-paga huwa stess mill-flus miżmuma minnu f'isem il-konvenut liema flus kien ikun ġabar mill-bejgħ. Jgħid li ġieli ġara wkoll li l-attur ingħata l-paga b'ċekk.*

*Mistoqsi dwar pagamenti oħrajn li saru lill-attur jgħid li fuq hekk huwa ma' jafx eżatt għaliex il-pagamenti kienet tieħu ħsiebhom l-eks mara tiegħu.*

*Mistoqsi għal darb'oħra dwar iż-żewġ pagamenti ta' € 400-il wieħed u pagament ta' € 1,000 li saru lill-attur skond l-affidavit tal-attur, ma jinnegax li dawn saru. Mistqosi għaliex saru jgħid li probabbli kienu jinkludu fihom xi spejjeż bħal ta' fuel. Jgħid li l-attur darba anke bidel it-tires tal-karozza. Iżid li kien hemm xi service tal-karozza wkoll.*

*Mistoqsi direttament jekk dan setgħax ukoll kien ħlas talli jġib il-klijenti, jgħid li ma' jistax ikun għax huwa kien impjegat bil-paga speċifikatament sabiex iġib il-klijenti.*

*Jerġa jgħid li ġieli ġie xahar tajjeb u lill-attur tah xi ħaġa fuq ir-riħ. Isemmi € 50 b'dan li jispjega li din ma' kienitx commission.*

*Rigward l-obbligazzjoni tiegħu li jġib dokumenti relattivi għax-xiri u l-importazzjoni taċ-ċpiepet jgħid li dan ilu 12-il sena issa bl-emails*

[65] Udjenza tas-26 ta' April, 2022, traskrizzjoni mhux paginata.

*m'għadhomx għandu. Jinsisti li hawn kienu xtraw ammont ta' ċpiepet nofs bin-nofs bl-attur ħallas ta' sehemu b'ċekk. Jgħid li l-fattura taċ-ċpiepet semmai tkopri prezzhom biss, mhux ukoll l-ispejjeż ta' import, dazju, u spejjeż relatati. Jgħid li meta walsu Malta iċ-ċpiepet inqassmu bl-attur kellu ċavetta tal-maħżen u meta jbiegħ minnhom huwa jmur hemm, jieħu minnhom, jiġbor il-ħlas u jżomm il-ħlas għalih. Iżid li huwa kien jagħmel l-istess b'sehmu miżmum Għawdex. Iżid li jekk kien baqa' xi ċpiepet Malta dawk kienu tal-attur iżda huwa ma' jafx kien baqa'. Jgħid li minn meta telaq miegħu sa meta saret il-kawża l-attur qatt ma' qallu li kien baqalu xi ċpiepet.*

***Victor Ellul**, il-kunjatu tal-konvenut, xehed permezz ta' affidavit.* [66] *Jiddikjara li huwa proprjetarju ta' mħażen f'Malta liema mħażen bdew jintużaw mill-konvenut fl-2010.*

*Jiddikjara li fl-2011 il-konvenut impjega lill-attur bl-attur kellu ċ-ċwievet tal-imħażen li minnhom kien jidħol u joħroġ meta jrid. Iżid li huwa kien sikwiet ikun hemm inkluż sabiex jagħti daqqa t'id fl-imħażen.*

*Jiddikjara li lejn l-2015 l-attur kien sabu fl-imħażen u nfurmah li ser itemm l-impjieg tiegħu minn mal-konvenut. Jgħid li qallu wkoll li peress li lill-konvenut ġablu ħafna klijenti huwa kien dovut kumpens bħala rigal. Iżid li hawn l-attur talab € 2,000 b'dan li huwa ċempel lill-konvenut u nfurmah b'li ntqal.*

*Iżid li l-konvenut dan ma' aċċettahx u nsista li l-attur kien tħallas ta' xogħolu bil-paga. Jgħid li hawnhekk huwa nforma lill-attur b'li qallu l-konvenut b'dan li l-attur issaħħan u qal li ser ipattiehilu.*

*Iżid li huwa nforma b'dan lill-konvenut li qallu jipprova jsib soluzzjoni. Jgħid li għalhekk huwa ċempel lill-attur u qallu sabiex jiltaqgħu b'dan li meta l-attur reġgħa mar l-imħażen l-ewwel ma' qallu kien li issa jrid € 7,500 mhux € 2,000. Iżid li huwa qallu li żgur mhux ser jaslu għal dak il-valur għaliex il-konvenut anqas € 2,000 ma xtaq jagħtih. Jgħid li hawnhekk l-attur telaq il-barra.*

[66] Fol 854.

*Jikkonkludi li l-attur qatt ma' semma li huwa dovut xi pagi b'lura jew xi flus rigward ċpiepet iżda kien qed jippretendi biss ħlas b'rigal għall-klijenti li ġab lill-konvenut.*

***In kontro-eżami** xehed*[67] *li l-imħażen Malta kien jislifhom lill-konvenut li dak iż-żmien kien miżżewweġ lil bintu. Jiċċara li huwa qatt ma' kien impjegat mall-konvenut. Iżid li l-attur u l-konvenut it-tnejn kellhom iċ-ċwievet għall-imħażen. Jgħid li l-attur kien impjegat mall-konvenut bħala salesman, sabiex isiblu klijenti Malta. Jgħid li huwa kellu relazzjoni tajba mal-attur, anke ċerta ħbiberija.*

*Jgħid li huwa ma jafx kif kien il-ftehim ta' impjieg tal-attur mall-konvenut. Iżid li jaf biss li l-attur kien impjegat mall-konvenut, b'dan qaluhulu ż-żewġ partijiet.*

*Jgħid li l-konvenut kien qallu jafx b'xi ħadd ried xogħol u meta huwa staqsa x'kien qiegħed joffri, l-konvenut qallu paga minima u commission. Iżid li meta ġie mpjegat l-attur huwa raha stramba li l-attur aċċetta l-paga minima b'hawn staqsa lill-konvenut kif baqgħu. Iżid li l-konvenut qallu li l-attur ma' aċċettax il-paga minima u allura tah aktar paga iżda mingħajr commission. Jgħid li l-konvenut żid jgħid li dan jifhmu għaliex tal-eta' tal-attur, bil-paga minima tbagħti l-pensjoni. Jerġa jgħid li huwa ma' jafx li kien hemm commission.*

*Iżid li ma jafx il-konvenut b'kemm kien għolla l-paga mħallsa lill-attur.*

*Jgħid li l-attur qatt ma' semmielu commission. Jgħid li dabra semmielu iżda li ried aktar tal-fuel. Jgħid li din kien semmieha lill-konvenut iżda mbagħad ma' jafx x'ġara fuqha.*

*Jinsisti li huwa qatt ma' ra ftehim miktub ta' impjieg bejn il-partijiet.*

*Jgħid li eventwalment, meta ġie terminat l-impjieg, l-attur ċempillu u kien irrabjat. Iżid li hawn qallu li l-konvenut kellu jagħtih xi € 2,000. Iżid li ma' fehmx ta' xiex iżda qallu li ser ikellem lill-konvenut. Jgħid li hawn kellem lill-konvenut li qallu li lill-attur ma' waqfux iżda waqaf huwa minn jeddu. Iżid li*

[67] Fol 970 sa 1005.

*l-konvenut qallu li ma jafx x'inhuma dawn l-€ 2,000 li semma l-attur. Iżid li l-konvenut qallu li l-attur kien tħallas ta' kollox. Jgħid li hawn il-konvenut qallu ma' jkellmu xejn lill-attur iżda huwa kkonvinċih jaqtagħha qasir għax għal € 2,000 ma' kienx ħaqq jidħlu Qorti. Iżid li lill-konvenut qallu li kien anke lest jagħti € 2,000 lill-attur hu sabiex jeħlishom mill-inkwiet.*

*Jgħid li hawn il-konvenut qallu jagħmel huwa, u biex ikellem lill-attur. Iżid li meta qal lill-attur sabiex jitkellmu dan mar lura u f'daqqa waħda s-somma ma' baqgħatx ta' € 2,000 iżda żdiedet. Iżid li hawn lill-attur qallu li l-€ 2,000 kien ser jagħtihomlu huwa minn butu bl-attur qallu li mhux mingħandu riedhom.*

*Jerġa jgħid li l-konvenut insista miegħu li lill-attur ma' kellu jtih xejn. Iżid li kien wara li kkalma li l-konvenut qallu jaghmel huwa jekk irid jagħti € 2,000 lill-attur iżda baqa' jħoss li l-€ 2,000 kienu ser jingħataw ta' xejn. Iżid li wasal ikkalma fuq hekk biss sabiex jiffrankaw il-litigazzjoni bil-Qorti iżda ħass li l-€ 2,000 kien ser itihomlu għal xejn. Iżid li l-konvenut qallu wkoll li lill-attur anke meta kien ma' jiflħax huwa kien ħa ħsiebu.*

*Jgħid li meta offra l-€ 2,000 lill-attur dan beda jitlob aktar. Iżid li hawnhekk qal lill-attur li dawn kien ser itihomlu minn butu għaliex il-konvenut qass l-€ 2,000 ma' riedx itih. Iżid li lill-attur spjegalu dan u qallu aħseb u ara kemm ser itik aktar mill-€ 2,000 li kien qed joffri li jħallas hu.*

*Jgħid li huwa prova jaġixxi ta' medjatur sabiex jiffranka l-inkwiet tal-Qorti liż-żewġ partijiet.*

*Jgħid li qabel dan kollu, l-attur qatt ma' lmenta miegħu dwar paga għajr għal dik id-darba li semmielu l-ispiża tal-fuel.*

*Iżid li waqt il-laqgħa li kellu ma' l-attur dan – l-attur – beda jsemmi li ried ħlas talli lill-konvenut sablu l-klijentela. Jgħid li commission qatt ma' ssemmiet. Iżid li anqas ċpiepet qatt ma' ssemmew waqt din il-laqgħa. Jgħid iżda li huwa kien jaf li xi darba l-partijiet kienu ġabu xi ċpiepet minn barra, nofs bin-nofs. Jgħid li dan kien ilu u li sa fejn jaf huwa, iċ-ċpiepet kienu nbiegħu kollha. Jispjega li ċpiepet kienu nżammu kemm Għawdex kif ukoll Malta. Jinsisti li sa fejn jaf huwa ċ-ċpiepet kienu taż-żewġ partijiet nofs bin-nofs.*

*Jispjega li minn wara s-separazzjoni tal-konvenut minn ma' bintu huwa u l-konvenut anqas għadhom jitkellmu.*

*Jgħid li meta l-attur temm l-impjieg minn mal-konvenut huwa biddel is-serraturi tal-imħażen. Mistoqsi direttament jirrispondi li l-attur qatt ma' mar sabu u talbu jiġbor xi ħaġa mill-imħażen. Jispjega wkoll li s-serraturi bidilhom fuq deċiżjoni tiegħu mhux għax talbu jagħmel hekk il-konvenut.*

***Marcell Tabone** in rappreżentanza ta' JobsPlus xehed[68] li mill-1 ta' Jannar, 2010 sal-31 ta' Diċembru, 2011 l-impjieg tal-attur kien ma' ċertu Noel Debono mentri mill-1 ta' Jannar, 2012 sal-31 ta' Lulju, 2015 l-impjieg ta' l-attur kien ma' Mudelli – Smart Furniture Solutions. Jippreżenta dokument li juri l-employment history ta' l-attur.[69]*

***Reuben Silvio**, eks-impjegat tal-konvenut, xehed[70] li huwa kien jaħdem mall-konvenut mill-2014 sal-2017. Iżid li bħala paga huwa kien jitħallas ammont fiss fix-xahar. Iżid li ma' kien jirċievi ebda commission.*

***In kontro-eżami**[71] jgħid li huwa kien jaħdem bħala salesman fil-ħanut imbagħad beda jdur fuq barra b'dan li jmur għand mastrudaxxi u jbiegħilhom ix-xogħol.*

***Samuel Muscat**, impjegat mall-konvenut, xehed[72] li ilu jaħdem mall-konvenut xi 5 snin. Iżid li huwa għandu paga fix-xahar mingħajr ma' jiħallas commissions. Jgħid li mall-attur ftit iltaqa' għaliex huwa jaħdem Għawdex mentri l-attur kien jaħdem Malta.*

***In kontro-eżami**[73] jgħid li huwa jaħdem fl-uffiċċju b'dan li jordna x-xogħol minn barra u jirċievi l-pagamenti.*

---

[68] Fol 855 sa 856.
[69] Dokument a fol 857 sa 859.
[70] Fol 860 sa 861.
[71] Fol 861 sa 862.
[72] Fol 863 sa 864.
[73] Fol 864 sa 865.

***A. Ikkunsidrat:***

***Preliminari:***

*B'din il-kawza l-attur qiegħed jitlob kundanna għal ħlas ta' diversi ammonti li jgħid li jikkonsistu f'valuri dovuta lilu mill-konvenut bħala commission fuq xogħol li għamel lill-konvenut u rigward stock ta' ċpiepet li nxtraw minnu u mill-konvenut flimkien bl-għan li jinbiegħu b'kull parti iżżomm il-profitt tagħha.*

*Il-konvenut laqgħa billi kkontesta t-talba fl-intier tagħha u wkoll billi qajjem l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni ta' tmintax (18)-il xahar ai termini tal-Artikolu 2148(d) tal-Kodiċi Ċivili. . . . .*

***. . . . Il-mertu:***

*L-attur jallega li huwa dovut diversi ħlasijiet bħala commissions fuq xogħol li biegħ lill-konvenut tul l-impjieg tiegħu mal-konvenut. Jallega wkoll li huwa dovut valur rappreżentanti bilanċ minn somma akbar li nvesta flimkien mall-konvenut f'akkwist ta' diversi ċpiepet.*

*Sabiex jipprova dan, huwa jressaq diversi dokumenti b'rendikonti miżmuma minnu*[74] *kif ukoll diversi xhieda li konsistentement ikkonfermaw li huma kienu jixtru l-prodotti tal-konvenut tramite l-attur. Uħud mill ħafna xhieda mressqa mill-attur anke jixhdu li kienu jixtru ċpiepet mingħand l-attur b'dan li jżidu li huma kienu konxji li tali ċpiepet kienu tal-attur u mhux tal-konvenut bħal kumplament tal-prodotti mixtrija minnhom tramite l-attur.*

*L-attur ma' jressaqx iżda prova tal-ftehim li huwa jgħid li kellu mal-konvenut la dwar il-modalita' tal-ħlas lilu għax-xogħol tiegħu mall-attur u anqas dwar in-negozju taċ-ċpiepet.*

*Minn naħħa tiegħu, l-konvenut jaqbel li lill-attur huwa kien impjegah u kellu jħallsu paga kif ukoll tal-ispejjeż li jagħmel bil-vettura personali tiegħu utilizzata minnu waqt ix-xogħol magħmul għall-konvenut. Jinnega iżda li qatt kien hemm qbil dwar ħlas ta' commission. Anzi, jgħid li l-attur qatt ma'*

[74] Dokumenti a fol 19 sa 45.

*ried commission u dan kif jiġi spjegat aktar tard. Jinnega wkoll li l-attur huwa dovut xi bilanċ rigward in-negozju taċ-ċpiepet.*

*Hawnhekk din il-Qorti għandha allura quddiemha kwistjoni ta' diverġenza fix-xhieda għal liema raġuni, din il-Qorti ser tirreferi għal ġurisprudenza.*

*Il-ġurisprudenza nostrana hija ampja u konsistenti f'dan ir-rigward. Kif jinsab ritenut fid-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell mogħtija nhar is-27 ta' Mejju, 2005 fl-ismijiet* ***Angelo Sant et vs Paul Sant et****,*[75] *meta si tratta ta' żewġ verżjonijiet kontrastanti, il-każ neċessarjament jirriduċi ruħu f'wieħed ta' kredibilita' u verosimiljanza tal-verżjonijiet mogħtija.*

*Bl-istess mod, fid-deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ottubru, 2003 fl-ismijiet* ***George Bugeja vs Joseph Meilak,***[76] *ġie ritenut:*

> *Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli.*

*B'dan li l-Qorti għandha tara jekk verżjoni waħda għandhiex teskludi lill-oħra fuq bilanċ ta' probabilitajiet u b'hekk issib rifuġju fir-regola in dubio pro reo.*

*Din il-Qorti tosserva l-konsistenza tax-xhieda kollha, inkluż il-partijiet kontendenti, rigward il-fatt li l-attur kien ibiegh prodotti tal-konvenut għajr għaċ-ċpiepet li kienu fil-fatt tieghu stante li dan kien xtara ammont ta' ċpiepet flimkien mall-konvenut bil-konvenut jinsisti li kienu nvestew l-istess valur monetarju sabiex ġabu stock minnhom mentri l-attur jgħid li huwa kien silef xi valur lill-konvenut.*

---

[75] Appell Civili Numru. 152/1999/2.
[76] Citazzjoni Numru. 462/2002/1.

*Il-Qorti tosserva wkoll li ħadd min-numru sostanzjali ta' xhieda li nġiebu quddiemha ma' xeħet xi tip ta' dawl la fuq l-allegazzjoni tal-konvenut li wara li l-attur temm l-impjieg miegħu huwa mar jgħid kontra l-prodotti tiegħu iżda, u aktar importanti għal każ de quo, anqas li l-attur b'xi mod jew manjiera lmenta dwar il-ħlasijiet li kien jirċievi jew li suppost kien qiegħed jirċievi mingħand il-konvenut.*

*L-uniku xhud li jixhet dawl importanti rigward dan, li fuq kollox huwa l-mertu tal-kwistjoni kollha, huwa ix-xhud Victor Ellul.*

*Dan ix-xhud jgħid li lill-attur kien jarah sikwit tant li kien hemm anke ċerta ħbiberija bejniethom. Jirrakkonta wkoll li tul dan iż-żmien l-attur qatt ma' lmenta miegħu dwar pagamenti dovuti jew riċevuti mill-konvenut għajr għal darba fuq kwistjoni minima tal-ispejjeż tal-fuel li x-xhud semma lill-konvenut u qatt ma' reġgħa semgħa biha.*

*Fejn tidħol commission dan ix-xhud kien ċar u skjett rigward id-diskussjonijiet li kellu mall-konvenut fuq dan il-punt u jixhed li għalkemm qabel ġie mpjegat l-attur, il-konvenut kien semma miegħu li kien ser joffri paga u commission, wara li ġie mpjegat l-attur ix-xhud stess indaga dwar l-arranġament ta' ħlas bejn l-attur u l-konvenut u, f'dak l-istadju bikri fejn minn din il-kwistjoni preżenti ma' kien għadu nqala xejn, il-konvenut semmielu li ma' l-attur irranġa mod ieħor billi flok iħallsu paga minima u commission qablu li jgħollielu l-paga.*

*Dan jikkonfermah il-konvenut billi jgħid li l-attur kien irrifjuta l-ħlas ta' commission – preżumibilment favur l-offerta ta' paga akbar. Bix-xhud Victor Ellul jgħid li dan kien jagħmel sens għaliex fl-eta ta' l-attur paga aħjar tkun tfisser pensjoni aħjar.*

*Huwa minnu li dan ix-xhud Victor Ellul kellu relazzjoni mall-konvenut peress li l-konvenut kien miżżewweġ lil bintu. Lil din il-Qorti pero' ma' jirriżultalha ebda dubbju dwar il-kredibbilita' tiegħu rigward il-mertu. Dan anke għaliex dan ix-xhud ma' kellu xejn x'jitlef jew jirbaħ bix-xhieda li ta, tant li xehed ukoll li kemm ilu li l-konvenut issepara minn ma' bintu, bejnu u bejn il-konvenut anqas baqa' komunikazzjoni.*

*Oltre minn hekk, din il-Qorti tosserva wkoll li x-xhieda ta' dan ix-xhud ġiet in essenza korroborata minn dik tax-xhud l-ieħor Reuben Silvio, eks-impjegat tal-konvenut, li xehed li huwa mall-konvenut kellu biss paga u qatt ma kien jirċievi ebda commission minkejja li kien jaħdem fuq barra jdur b'vettura għand mastrudaxxi varji bħal ma' kien fil-fatt jagħmel l-attur. Il-Qorti tqies li dan ix-xhud ukoll ma' kellu xejn x'jiggwadanja bix-xhieda tiegħu meta dakinhar li ta l-istess xhieda anqas biss kien għadu mpjegat mall-konvenut.*

*Sfortunatament din il-Qorti baqgħet sprovvista mill-kuntratt tal-impjieg li skond il-konvenut kien iffirmat minnu u mill-attur bil-konvenut jispjega li l-kopja tiegħu ta' dan il-kuntratt ġiet distrutta f'xi għargħar mentri l-attur ma' ressaqx kopja tiegħu.*

*Il-konvenut jispjega dak li jiftakar rigward il-kuntratt li kien viġenti bejnu u bejn l-attur b'dan li sabiex tiddeċiedi din il-vertenza din il-Qorti trid tistrieħ fuq dak li għandha in atti, inkluż ix-xhieda tal-attur, tal-konvenut, ta' Victor Ellul, u ta' Reuben Silvio li fl-assjem tagħhom ipinġu sitwazzjoni lavorattiva fejn l-attur kien impjegat mall-konvenut b'paga mingħajr commission iżda b'xi benefiċċji bħal rimbors għal spejjeż relatati mall-vettura personali tiegħu li kien juża sabiex jagħmel xogħol għall-konvenut.*

*Il-Qorti tqies għalhekk li l-attur ma' rnexxilux iressaq prova konvinċenti li huwa kien jew għadu dovut xi ħlas mill-konvenut bħala commission.*

*Il-Qorti tosserva wkoll li l-konvenut xehed, u l-attur ma' nnegax, li l-attur kien ikollu f'idu diversi flejjes tal-konvenut li kien jiġbor mingħand klijenti tiegħu f'Malta u ġieli anke naqqas il-paga dovuta lilu minn dawn il-flejjes minflok ġabar iċ-ċekk li kellu mbagħad joqod isarraf.*

*Il-Qorti ssiba diffiċli temmen li ladabra kellu tali flus f'idejh l-attur ma' kienx ukoll inaqqas minnhom dawk il-commissions li skontu kienu dovuti lilu iżda, minflok, għaddha t-tali flejjes lill-konvenut, stenna xi żmien u mbagħad mexxa b'dawn il-proċeduri.*

*Infatti, il-Qorti hija aktar propensa temmen il-verżjoni ta' Victor Ellul li l-attur pretenda xi "rigal" talli lill-konvenut qabdu ma' diversi klijenti f'Malta u, meta dan ma' wasalx, irrabja u ddeċieda li jmexxi b'din l-istanza u bil-pretiża tal-commissions.*

*Bl-isess mod, ix-xhud Victor Ellul jikkorrabora l-verżjoni tal-konvenut li l-attur kellu ċ-ċwievet tal-imħażen f'Malta fejn kien ukoll miżmum sehem miċ-ċpiepet li wkoll jiffurmaw parti minn din it-talba. L-attur nniffsu jgħid li meta x-xogħol mibjugħ kien ikun Malta ġieli waslu għand il-klijenti huwa stess. B'dan allura jikkonferma li huwa kellu aċċess għall-imħażen. Ix-xhud Victor Ellul jgħid ukoll li wara li temm l-impjieg mall-konvenut, l-attur qatt ma' semmielu li kellu jiġbor xi affarijiet tiegħu mill-imħażen, inkluż wara li huwa bidel iċ-ċwievet tal-imħażen li kienu proprjeta' tiegħu.*

*B'dan f'moħħa, u tenut kont tal-fatt li m'hemmx stralċ ta' prova dwar l-ammont ta' ċpiepet li nxtraw oriġinarjament, x'inżamm minnhom mill-partijiet u fejn, x'inbiegħ, x'kien baqa', u x'sar miċ-ċpiepet li kien baqa' jekk fil-fatt kien baqa' minnhom; din il-Qorti ma' tistax tqies kemm ċpiepet inxtraw u nbiegħu u, per konsegwenza, jekk l-attur hux dovut xi valur bħala bilanċ rimanenti fuqhom.'*

8. Rat l-atti kollha tal-ewwel Qorti;

9. Illi kif gia suespost l-aggravju tal-appellant huwa fis-sens li ma jaqbilx mal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti fejn finalment waslet ghall-konkluzjoni li l-versjoni tal-konvenut kienet aktar kredibbli minn dik tal-attur. Jsostni li l-ewwel Qorti njorat bosta xhieda mressqa minnu u li kieku ghamlet hekk finalment kellha tasal ghall-konkluzjoni li kien l-attur li qed jghid il-verita' dwar il-kundizzjonijiet ta' mpjieg tieghu li kienu allura jinkludu 'commission' u mhux il-konvenut. Izid li l-Qorti tat wisq piz lix-xhieda ta' Victor Ellul li jigi l-kunjatu tal-konvenut u ma harset lejn l-ebda prova ohra.

10. Illi din il-Qorti wara li rat il-provi kollha fl-atti u l-kundsiderazzjonijiet tal-ewwel Qorti tqis kif isegwi:

(i) Illi rrizulta li l-allegata 'commission', li kieku verament kienet tithallas mill-konvenut, l-istess attur isostni li din kienet tithallas

f'kontanti biex ma tidhirx ai fini ta' taxxa. Johrog ghalhekk li l-kawza odjerna hija, almenu ghal dak li hija l-allegata 'commission,' imsejsa fuq *causa illecita* w'ghalhekk din il-Qorti hija obbligata li tqajjem dan il-punt filwaqt li hija fi kwalunkwe kaz prekluza milli tikkonsidra tali pretensjoni stante li l-bazi taghha huwa agir allegatament illegali bejn il-partijiet;

(ii) Illi in oltre jirrizulta li effettivament l-attur qed jipretendi 'commission' ghas-sena 2015 meta fil-fatt hareg mill-provi li huwa kien qed jirraporta *sick* tul ix-xhur kollha li kien jidher impjegat mal-konvenut dik is-sena. L-istess konvenut jghid li l-attur kien qed jahdem illegalment filwaqt li kien qed jirraporta *sick* mal-awtoritajiet sabiex jigi *boarded out* (ara l-ahhar xhieda tal-konvenut in kontro-ezami pagna 13). Dan kollu, apparti li jsahhah l-argument ta' din il-Qorti dwar il-*causa illecita,* jindika kemm l-attur huwa kapaci ta' ngann anki fil-konfront tal-awtoritajiet u dan xejn ma jirrifletti tajjeb fuq il-kredibilita' tieghu f'dawn il-proceduri;

(iii) Illi fi kwalunkwe kaz, eskluza il-konsiderazzjoni suesposta ta' din il-Qorti dwar il-*causa illecita*, din il-Qorti xorta wahda ma tqisx li l-aggravju tal-attur fil-mertu huwa wiehed gustifikat ghal diversi ragunijiet. Fl-ewwel lok jirrizulta lill-Qorti li ghalkemm ir-rikorrent isostni li ghamel rapport mal-Pulizija meta spicca mill-impjieg tieghu lura fis-sena 2015 ghal dak li kien dovut lilu mill-konvenut, il-Qorti rat li effettivament ir-rapport (a fol. 46 tal-process) sar biss dwar il-flus tac-cappetti allegatament dovuti mill-konvenut u mkien ma ssemmiet 'commission' u dan *a tempo vergine* tal-pretensjoni tal-attur.

(iv) Din il-Qorti rat ukoll li l-ewwel Qorti kkunsidrat il-fatt li l-attur kien ikollu hafna flus tal-konvenut f'idejh, ghaliex kien hu li jigbor il-pagamenti, w'ghalhekk sabitha difficli biex temmen li jekk verament l-attur kien dovut xi 'commission' li allura din ma johodhiex qabel ma jaghti l-bqija tal-flus lill-konvenut. Din il-Qorti tqis li dan l-argument huwa wiehed b'sahhtu hafna anki ghaliex mill-atti rat (ara fol. 779) li effettivament irrizulta li l-istess attur jammetti li meta kien jigi bzonn il-fus ghaliex ma jlahhaqx sal-ahhar tax-xahar kien ikun hu stess li

jiehu parti mill-paga mill-flus li jkun gabar lill-konvenut u jinforma lill-konvenut biex titnaqqas mill-paga tal-ahhar tax-xahar. Din il-Qorti tistaqsi x'kien allura qed izomm lill-attur minn, ghal hames snin shah, ma jzommx dak allegatamennt dovut lilu bhala 'commission'! Il-konvenut ukoll a fol. 970 et seq tal-process jghid li mhux l-ewwel darba li l-attur kien isarraf ic-cekk tal-paga mill-flus li kien ikollu f'idu u jirritorna lura c-cekk lill-konvenut. Din il-Qorti ftit li xejn tista' temmen li allura, meta l-attur kellu daqshekk *mano libera* bil-flus tal-konvenut, li ma kienx allura jnaqqas u jzomm l-allegata 'commission' dovuta lilu. Dan kollu jevidenzja li allura mhux minnu li kienet dovuta lilu din il-'commission' kif qed isostni fil-kawza odjerna. Ghalhekk din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti ghamlet sew li ma emmnitx il-versjoni tal-attur f'dan ir-rigward;

(v) Illi dwar ix-xhieda ta' Victor Ellul rrizulta li ghalkemm huwa minnu li l-konvenut kien mizzewweg lil bintu, rrizulta wkoll li llum m'ghadhomx flimkien u x-xhud jghid li lanqas ghadu jikkomunika mal-konvenut. Rat li effettivament l-ewwel Qorti hadet kont ta' dan il-fattur fl-analizi taghha tal-provi. Din il-Qorti rat ukoll li mhux minnu li l-ewwel Qorti strahet biss fuq ix-xhieda ta' Victor Ellul anzi hija analizzat din ix-xhieda flimkien ma' xhieda ohra fosthom impjegati ohra tal-konvenut li kkonfermaw li huma dejjem hadmu bil-paga u mhux bil-'commission'. Wiehed minn dawn ix-xhieda wkoll ma kienx ghadu mpjegat tal-konvenut ghalhekk zgur li ma kellu l-ebda nteress li ma jghidx il-verita.

(vi) Illi dwar il-hafna xhieda li ressaq l-attur dwar bejgh li huwa ghamel tul is-snin u d-dokumentazzjoni esebita f'dan ir-rigward, din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li din tevidenzja biss il-bejgh u minn imkien ma johrog li xi hadd mix-xhieda kkonferma li l-attur kien almenu qallu li jithallas bil-'commission' u hadd minnhom ma xehed li l-attur xi darba gerger fuq xi nuqqas ta' hlas. Dik hija l-prova regina li kienet mehtiega da parti tal-attur u mhux il-bejgh *per se*. Din il-Qorti wkoll taghmel referenza ghall-pagni tad-djarju li esebixxa l-attur liema pagni mhux neccessarjament jevidenzjaw li l-attur kien jiehu noti ai fini ta' 'commission' stante li rrizulta li xoghlu kien jikkonsisti wkoll

f'li jigbor il-pagamenti, allura bilfors l-attur kellu jiehu nota ta' x'inhu dovut u x'ingabar sabiex wara jghaddi dawn il-flus lill-konvenut.

(vii) Illi dwar il-flus tac-cappetti jirrizulta mill-atti li effettivament il-ftehim bejn il-partijiet kien li kull wiehed johrog somma flus ta' madwar €5,000 sabiex jinxtraw ic-cappetti. Meta waslu dawn ic-cappetti l-attur inghata nofshom ghall-valur tal-flus li hareg hu u dawn ittiehdu fil-mahzen Malta sabiex jinbieghu mill-istess attur. L-attur kellu c-cwievet ghal dan il-mahzen. Meta l-attur ittermina l-impjieg tieghu jirrizulta li l-attur ma marx fil-mahzen Malta stess biex jiehu c-cappetti li kien baqa mahzuna hemm, jekk kien ghad baqa'. Dan nonostante li mar sab lil Victor Ellul fejn il-mahzen sabiex jghidlu li qed jipretendi l-flus minghand il-konvenut. Dan kollu jikkonfermah Victor Ellul, sid l-istess mahzen, li fix-xhieda tieghu ma setax jghid jekk kienx ghad baqa cappetti tal-attur jew le fil-mahzen. Ikkonferma izda li l-attur ma marx biex jigbor xejn u ma talbu xejn mill-mahzen. Il-konvenut jixhed ukoll li wara l-ewwel konsenja kienu anki ngabu konsenji ohra tac-cappetti w'ghalhekk ma setax jghid jekk kienx ghad baqa xi cappetti tal-attur jew le. Din il-Qorti rat li k-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni li fi kwalunkwe kaz l-attur ma nrexxilux iressaq prova sodisfacenti sal-grad rikjest mil-ligi dwar kemm kien ghad baqa' cappetti tal-attur fil-pussess tal-konvenut, jekk kien ghad baqa u dwar il-valur taghhom, ghalhekk ikkonkludiet li anki din il-parti tat-talba tal-attur kellha tigi michuda. Din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha taqbel perfettament mal-konkluzjoni tal-ewwel Qorti.

11. Illi minn analizi ta' dak kollu suespost u mill-atti din il-Qorti tqis li l-konluzjonijiet tal-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi minnha huma kollha gustifikati u ma ssib l-ebda raguni valida ghalfejn ghandha tvarja l-istess konkluzjonijiet. Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi sabiex tikkonferma s-sentenza appellata u tichad l-aggravju u *per conseguenza* l-appell tal-attur.

**Decizjoni**

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta w'tiddeciedi l-appell odjern billi t-tilqa' r-risposta tal-konvenut sakemm din hija kompatibbli ma dak hawn deciz, tikkonferma *in toto* id-decizjoni appellata u tghaddi sabiex tichad l-aggravju u konsegwentement l-appell tal-attur appellant.**

Bl-ispejjez tal-appell ukoll kontra l-attur appellant.

**Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**